Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura

TAQSIMA KULTURA

# KONKORS TAL-BANED 1982

Teatru Manoel

10, 11, 12 ta' Diċembru

## *L-EWWEL KONKORS NAZZJONALI GĦALL-BANED*



Żmien ilu l-Baned kienu forsi forma ewlenija ta' organizzazjoni kulturali f'pajjiżna. F'Malta u Għawdex f'kull belt u raħal kont issib xi bandisti. Il-baned il-kbar ta' l-ibliet ma kien jista' għalihom ħadd u dak in-nhar tal-festa jew tal-kunċert tagħhom il-Maltin u Għawdxin kienu jiffullaw bi ħġarhom biex jisimgħu u jgawdu d-daqq ta' din jew dik il-banda. Iżda l-anqas dak iż-żmien ma kien hemm Konkors biex tintagħżel l-aqwa Banda. Illum kull Banda, kull Bandist, kull min iħobb il-Banda għandu appuntament fiss fil-kalendarju Kulturali tiegħu: il-Konkors biex tintagħżel il-Banda tar-Repubblika.

Aktar minn li huwa konkors biex darba fis-sena tintagħżel l-aqwa f'Malta u Għawdex, dan huwa Konkors mħejji apposta biex noħolqu l-Banda tar-Repubblika. Bl-għajnuna u l-ko-operazzjoni sħiħa ta' l-Assoċjazzjoni tal-Baned għandu matul il-Konkors jingħażel dak it-talent individwali tajjeb biżżejjed biex iddoqq kemm fil-provi kif ukoll f'okkażżjonijiet uffiċċjali u Nazzjonali ta' pajjiżna. Il-Banda tar-Repubblika għandha tiġbor fiha dawk kollha li huma l-aħjar bandisti fil-pajjiż sabiex kemm għaż-żgħażagħ tagħna jkun jista' jidher ċar l-ogħla livell tar-Repubblika x'inhu u ċar ukoll x'għandhom jagħmlu biex jilħquh, kif ukoll biex il-quddiem fi ftehim ta' bdil ma' Baned Nazzjonali ta' pajjiżi oħra nkunu nistgħu nuru mhux biss l-aqwa Banda tal-Konkors iżda l-Banda tar-Repubblika — il-Banda ta' l-aqwa Bandisti f'Malta u Għawdex.

Il-Każini tal-Baned għandhom jissaħħu kemm b'dan il-Konkors kif ukoll bil-ħolqien tal-Banda tar-Repubblika. L-għalliema partikolarment għandhom għalfejn jinkoraġġixxu l-apprendisti bandisti tagħhom biex jimmiraw li jieħdu post fil-Banda tar-Repubblika. Il-Konkors għandu hekk bil-mod il-mod jgħolli l-livell individwali ta' kull bandist u għaldaqstant ta' kull Banda. Jiena ċert li fil-fatt dan l-ewwel Konkors fejn qed jieħdu sehem mas-sitt baned u qed idoqqu 'l fuq minn erba' mitt bandist diġà qed jgħin biex jogħla l-livell tal-Bandisti li qed jipparteċipaw u b'hekk iħeġġeġ lil oħrajn biex anki huma jgħollu l-livell tagħhom. Hekk bil-livell jogħla minn sena għal sena f'pajjiżna wkoll nkunu nistgħu ngawdu repertorju akbar tal-Baned li ma jibqgħux marbutin biss mal-programmi tal-festi. Għaldaqstant is-sena d-dieħla l-Ministeru tal-Kultura ser iħejji wkoll Konkors għal Kompożituri għall-Baned. Dan jiftaħ it-trieq biex jiżdied l-inċentiv sabiex kull min iħobb il-mużika tal-Baned igawdi aktar kompożizzjonijiet ta' pajjiżu stess — kompożizzjonijiet aktar moderni, kompożizzjonijiet aktar varjati.

Hekk inkomplu ntejjbu l-livell kulturali ta' pajjiżna — ta' Malta Repubblika.

**George Gershwin**

**'A symphonic portrait for concert band'**

**Arranġament ta' Bruce Chase**

Kompożizzjoni li ser tindaqq mill-Baned kollha li qed jieħdu sehem fil-Konkors.

Dan ix-xogħol tal-kompożitur Amerikan George Gershwin huwa msejjes fuq l-opra folkloristika Porgy & Bess, bl-aktar siltiet popolari bħal 'Summertime', id-duet 'Bess, you is my woman' u 'It ain't necessarily so'. Nsibu wkoll mużika ta' kanzunetti mill-kompożizzjoni ta' George Gershwin għall-films oħra. 'They can't take that away from me' mill-film 'Shall we Dance', 'Love is there to stay' minn 'Goldwyn Follies' u 'A Foggy Day' mill-film 'Damesel in Distress'.

L-arranġament għall-Banda minn Bruce Chase huwa xogħol li l-Baned Maltin ma tantx huma mdorrija bih billi r-repertorju tal-Baned tagħna huwa fil-biċċa l-kbira msejjes fuq l-opra Taljana u opri oħra klassiċi. Għalhekk it-Taqsima tal-Kultura ħasset il-ħtieġa li tagħżel kompożizzjoni moderna u ta' stil differenti minn dak li mdorrija bih il-Baned tagħna sabiex waqt li noffru sfida għal baned li qed jieħdu sehem, il-konkors jgħin fl-iżvilupp tar-repertorju tal-baned lokali li x'aktarx min-ħabba raġunijiet storiċi nqatgħu mill-iżvilupp li għamlet il-mużika f'dawn l-aħħar erbgħin sena.

Il-punti li ser jingħataw mill-ġurija indipendenti ser ikunu:

| | |
|---|---|
| INTERPRETAZZJONI | 40% |
| INTONAZZJONI | 30% |
| BILANĊ | 20% |
| PREŻENTAZZJONI | 10% |

President 'La Stella' ġurija

# PROGRAMM

### 10 ta' Diċembru

## BANDA PRINCE OF WALES — BIRGU

1. **Innu tal-Banda**
2. **Cordelia — Rikard Buġeja**

   Is-sinfonija 'Cordelia' hija l-iżjed xogħol magħruf tas-surmast Rikard Buġeja. L-arranġament huwa tas-surmast Carmelo Caruana.

3. **A Symphonic Portrait — George Gershwin**
4. **Fantasia, (Faust) — Charles Gounod**

   L-opera 'Faust' intweriet l-ewwel darba f'Pariġi 1859. Hi bbażata fuq xogħol ta' Goethe. 'Faust' opera f'5 atti hija waħda mill-aktar opri popolari li ġiet tradotta f'25 lingwa. Minn din l-opera sejrin nisimgħu l-aktar siltiet popolari li ma jmutu qatt. Din il-Fantasija hija wieħed mill-arranġamenti tal-magħruf surmast A. Donchich li kien surmast tal-Banda King's Own kif ukoll ta' din il-Banda.

## BANDA LA STELLA — GUDJA

1. **Tema Sinfonico — Paolo Barbara**

   Miktuba għall-Orgni mis-Surmast Paolo Barbara u rranġata għall-Banda mis-surmast Anġelo Pace.

2. **Marinarella — Julius Fucik**

   Overture mill-Opra li ġġib l-istess isem 'Marinarella' ta' Julius Fucik. (Is-Solo tal-Klarinett jindaqq minn John Farrugia).

3. **A Symphonic Portrait — George Gershwin**

### 11 ta' Diċembru

## GĦAQDA MUŻIKALI L'ISLE ADAM — RABAT

1. **ARGYRIA — Philip Gatt**

   *ARGYRIA*, li bil-Malti ngħidulha AĠĠIRA hija maħduma fuq mużika pjuttost ta' stil modern. Hija bbażata fuq il-missjoni li San Filep (T'Aġġira) kellu f'dik il-belt fi Sqallija. Għalkemm dan ix-xogħol huwa magħmul minn sitt (6) movimenti differenti, nistgħu naqsmuh fi tnejn. Fl-ewwel parti insibu lix-xitan b'saħħtu, jaħkem lil Aġġira u minn naħa l-oħra insibu lil San Filep jitlob 'l Alla biex jagħtih is-setgħa li jeħles lil Aġġira mix-xitan. Fit-tieni parti nsibu li skunġrar t'Aġġira u t-talba ta' ringrazzjament 'l Alla li permezz ta' San Filep ħarġet rebbieħa fuq il-ħażen.

2. **Inno Al Sole — P. Mascagni**

   INNO AL SOLE — huwa l-introduzzjoni ta' l-ewwel Att fl'Opra IRIS ta' P. Mascagni. F'dan ix-xogħol Mascagni mid-dlam tal-lejl jeħodna sakemm titla x-xemx u jisbaħ il-jum. Hu jaqsam dan ix-xogħol f'Movimenti differenti. Jibda b'LA NOTTE u jkompli sejjer I PRIMI ALBERI — I FIORI — L'AURORA — I PRIMI RAGGI — IL SOLE — IL GIORNO.

3. **A Symphonic Portrait — George Gershwin**
4. **Innu tal-Banda – L'Isle Adam — Jos. Stivala**

   INNU TAL-BANDA – L'ISLE ADAM huwa xogħol ta' l-Ex Surmast ta' din il-Banda JOS. STIVALA. Dan l-Innu nkiteb fl-1949 fuq kliem ta' l-Avukat George Zammit.

## BANDA ANNUNZIATA — TARXIEN

1. **Innu tal-Banda Marija Annunziata ta' Mro. Lorenzo Gonzi.**
2. **La Battaglia della Marma — Lorenzo Gonzi**

   Lorenzo Gonzi twieled il-Birgu u tgħallem il-mużika għand is-surmast Paolino Vassallo. Waqqaf il-banda fl-Istitut Riformatorju. Kiteb bosta mużika sagra, quddies u innijiet u Innu lil Marija Annunziata li fih jieħdu sehem Tenur, Baritonu u Kor. Insibu bosta marċi sinfoniċi li llejla sejrin nisimgħu waħda mill-iżjed popolari tiegħu. Kien surmast tal-Banda M. M. Gratiae (Zabbar) u M. Annunziata (Tarxien).

3. **A Symphonic Portrait — George Gershwin**
4. **Fantasia su Opera Verdiane — arr. banda K. Mennel**

   Għall-Italja tas-seklu 19, Giuseppe Verdi (1813–1901) u l-kelma opera kienu ħaġa waħda. Nistgħu ngħidu li mill-Italja ta' Fuq sa Messina kulħadd kien ikanta jew isaffar il-Mużika Verdjana. Verdi kiteb l-aqwa xogħolijiet tiegħu meta kien għalaq il-50 sena. Hu kkompona l-Opera Rigoletto fl-1851 u Il-Trovatore u La Traviata fl-1853. Il-lejla sejrin nisimgħu fantasia minn dawn it-tlett opri li stabbilew lil-Verdi bħala kompożitur u mużikant u kienu l-pedament għall-aqwa opri tiegħu bħal Aida, Otello u Falstaff.

### 12 ta' Diċembru

## BANDA ŻEJTUN

1. **Marċ 'Daniela' — Mro. Jos. M. Barbara**
2. **El Dorado — Mro. Jos. M. Barbara**

   Din l-'Overture' hija ispirata mill-leġġenda dwar il-belt kollha deheb li l-ispanjoli tant fittxew bil-ħerqa fid-dinja l-ġdida. Din il-mużika toħloq l-atmosfera ta' l-ewwel 'gold rush'. Tiftaħ b'"andante maestoso' it-tamiet ġodda li tqanqlu bis-sejba ta' l-Amerika u tkompli b'"allegro brillante' li fih tinħass il-ġirja lejn il-bliet antiki ta' l-Amerika Latina. Il-mottiv tan-nofs 'maestoso cantabile' hu talba ta' dawk li bdew jaqtgħu qalbhom mis-suċċess. Il-leġġenda iżda ma mietitx u l-finali furjoso jfisser il-ferħ ta' dawk li għalkemm ma sabux l-El Dorado sabu d-deheb ta' l-Incas tal-Peru u l-Ażteki tal-Messiku.

3. **A Symphonic Portrait — George Gershwin**
4. **'L-Għanja taż-Żejtun' — Mro. Carmelo Pace**

   Dan ix-xogħol ta' bixra korali hu mnebbaħ mill-ġrajjiet taż-Żejtun meta żmien ilu kien il-mira tal-furbani, ġrajjiet li qanqlu bosta niket bħal ġrajjiet oħra li għadda minnhom dan ir-raħal, fi żmien il-Franċiżi u fl-aħħar gwerra dinjija. Ir-ritornell iżda, jfakkar fil-ferħ li l-festa ġġib magħha kull sena u fl-għaqda u sliem li hu l-għelm ta' l-istess raħal li ħa ismu miż-Żejtuna, iż-Żebbuġa bnina.

## GĦAQDA MUŻIKALI SAN MIKIEL — ŻABBAR

1. **Innu tal-Banda San Mikiel — Anthony Micallef**
2. **Maltesina — Carmelo Pace**

   Maltesina li s-surmast Carmelo Pace ikkompona fl-1931 hija bbażata fuq l-għanjiet folkloristiċi Maltin u ġiet traskritta għall-Banda minn Frank Galea. Carmelo Pace huwa wieħed mill-aktar kompożituri Maltin li jibqa' msemmi fix-xena mużikali Maltija. Huwa kkompona 4 opri bi sfond storiku Malti u bosta xogħolijiet oħra.

3. **A Symphonic Portrait — George Gershwin**
4. **The Three Elizabeths — Eric Coates**

   The Three Elizabeths tal-kompożitur Ingliż Eric Coates tikkonsisti fi tlett movimenti:

   i) Andante Maestoso — allegro vivace. Halycon Days (Elizabeth Tudor).
   ii) Andante — Springtime in Angus (Elizabeth of Glamis).
   iii) Con spirito — March — Youth of Britain (The Princess Elizabeth)

   Il-Kompożitur ddedika dan ix-xogħol lir-Reġina Elizabbetta II.

## BANDA PRINCE OF WALES — BIRGU

Il-Banda Prince of Wales tal-Birgu twaqqfet fis-27 ta' Settembru 1891, bl-għan ewlieni li tikber l-imħabba lejn il-mużika minn-nies tal-Birgu. L-isem li ngħatat il-Banda fil-bidu kien Soċjetà Filarmonika Vittoriosa. Bħala l-ewwel President tagħha kellha lit-tabib Ġan Feliċ Inglott u Teżorier is-Sur Karmenu Boffa, missier Sir Paul Boffa. L-ewwel Surmast Direttur kien Mro. Lorenzo Grima.

F'Mejju ta' l-1895, il-Banda biddlet isimha għal Duke of York's Own u f'Novembru ta' l-1901 għal Prince of Wales Own kif għadha magħrufa sal-lum.

Il-Banda Prince of Wales minn dejjem kellha surmastrijiet magħrufa, fosthom Mri. Ricci, Doncich, Monterosso, Hare, Ġanni Gatt. Pacifico Scicluna u Vinċenzo Ciappara, li dam għal aktar minn 40 sena Direttur ta' din il-Banda.

Diversi personalitajiet distinti żaru l-każin tal-Banda fost dawn insemmu l-Gvernaturi Sir Charles Bonham Carter u Sir Gerald Greasy, lill-Prim Ministru Dr. Ġorġ Borg Olivier u Sir Paul Boffa, lill-Patri Emanuel Suarez u Aniceto Fernandez Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan, lill-Kardinal Mario Ciappi, lis-Sinjorina Agatha Barbara illum President tar-Repubblika li żaret il-Każin f'Marzu ta' l-1955. Ta' min isemmi ukoll li s-sena li għaddiet, il-Banda Prince of Wales għalqet 90 sena mit-twaqqif tagħha; 90 sena ta' ħidma bla heda mill-membri ta' l-imgħoddi għall-ġid ta' sħabhom tal-lum. F'din l-okkażżjoni ġew mikxufa 2 irħamiet kommemorattivi minn Dr. Anton Buttiġieġ ex-President tar-Repubblika.

Il-lum il-Banda Prince of Wales hija mmexxija mis-Surmast John Pace filwaqt li l-President huwa t-Tabib Joseph Saliba.

## BANDA 'LA STELLA' — GUDJA

Kif spiċċat l-Ewwel Gwerra Kbira, grupp ta' żgħażagħ li kienu jorganizzaw il-festa tal-Madonna tar-Rużarju, fil-Gudja, fetħu Każin, bl-iskop li jibdew jitgħallmu l-Mużika u jwaqqfu Orkestra. Dan il-ħsieb irnexxa u, fl-1921, insibu li ġiet imwaqqfa l-Orkestra 'La Stella'. Fl-1936 l-Orkestra 'La Stella' ġiet maqluba għal Banda li ħadet l-istess isem: 'Banda La Stella'. Bħala l-ewwel Surmast tagħha il-Banda kellha lill-Gio Maria Abdilla.

Il-Banda La Stella mill-ewwel bdiet tieħu parti fil-festi u fl-avvenimenti kulturali sew ġewwa l-Gudja, kif ukoll kważi fl-ibliet u l-irħula kollha ta' Malta u anke ġewwa Għawdex. Il-Banda La Stella ilha tieħu parti fil-Karnival ta' Malta għal dawn l-aħħar 12 il-sena u ħadet l-Ewwel Premju fil-Kompetizzjoni tal-Marċi Grotteski, għal erba darbiet wara xulxin. L-għan ewlieni tal-Kumitat tas-Soċjetà La Stella hu li jkompli jkabbar il-kultura f'pajjiżna, u għalhekk qed jippreżenta l-Banda biex tikkompeti f'dan il-Konkors Mużikali, imniedi għall-Baned Maltin.

Is-Surmast Angelo Pace mexxa l-Banda La Stella għal dawn l-aħħar tlieta u tletin sena. Huwa jmexxi wkoll il-Kor 'La Stella' fi ħdan l-istess soċjetà.

## GĦAQDA MUŻIKALI L'ISLE ADAM — RABAT

Il-Banda ċittadina L'Isle Adam ġiet imwaqqfa fl-1860 minn Mro. Indri Borg, u daqqet għall-ewwel darba fil-Festi Solenni ta' San Ġużepp. L-Isem ta' L'Isle Adam ġie mgħażul għall-ewwel Gran Mastru ta' Malta peress li dan għex għal bosta żmien fil-Kunvent tal-Patrijiet Minuri u fejn miet fl-istess Kunvent fil-21 ta' Awissu 1534.

Il-Banda L'Isle Adam matul il-122 sena li ilha mwaqqfa daret kwasi l-Irħula u l-Ibliet ta' Malta. Matul dan iż-żmien ħadet sehem f'bosta okkażżjonijiet speċjali bħal ma huma l-Ingressi ta' l-Isqfijiet fl-Imdina, Kungress Ewkaristiku, Festi Ċentinarji, kif ukoll xi visiti ta' persuni Rjali u persuni oħra distinti. Il-Banda l'Isle Adam siefret darbtejn fl-1895 f'Reggio Calabria u fl-1897 f'Sirakusa. Fil-21 ta' Diċembru 1935 il-Banda iċċelebrat l-għeluq il-75 sena mit-twaqqif tagħha. Fil-5 ta' Marzu 1950 ġiet imżanżna l-Strumentatura il-ġdida f'Programm dirett mis-Surmast Anton Muscat Azzopardi. Il-Banda ta' kull sena tieħu sehem fil-Festi ta' San Ġużepp, il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Festa ta' l-Imnarja.

Fl-1918 ġiet imwaqqfa truppa tal-Boys Scouts bl-isem ta' Notabile Troop bil-bandisti tal-Banda L'Isle Adam. Barra mit-truppa tal-Boys Scout is-Società kellha wkoll żewġ kumpaniji tad-drama l-Emmanuele Vitale u il-Vittorio Alfieri.

Diversi personalitajiet distinti żaru l-Każin tal-Banda fosthom il-Presidenti ta' Malta Dr. Anton Buttiġieġ u s-Sinjorina Agatha Barbara li din kienet l-ewwel żjara tal-President Barbara fil-Każini tal-Baned.

Mis-Soċieta L'Isle Adam ħarġu bosta personalitajiet prominenti. Fil-5 ta' Awissu ġiet imwaqqfa l-Għaqda Nisa tal-Każin l'Isle Adam li din għandha il-kompitu li tieħu ħsieb l-abbiliment tal-Każin u avvenimenti soċjali.

Is-surmast Philip Gatt A.R.C.M., F.L.C.M. ingħata l-inkarigu tal-Banda fl-1978.

## BANDA ANNUNZIATA — TARXIEN

L-ewwel Banda f'Ħal Tarxien kienet twaqqfet fl-1862 mis-Sur Odilon Caruana. Wara ftit żmien il-Banda żarmat. Wara raqda twila fl-1890 bit-tħabrik ta' Ġiuseppe Spiteri twaqqfet it-tieni banda taħt l-isem ta' San Ġużepp imma anke din żarmat. Fl-1904 reġa' fetaħ il-Każin tal-Banda taħt l-isem ta' Circolo Filarmonico D'Annunziata li għadu mwaqqaf sal-lum u li fih jitgħallmu ħafna allievi.

F'Mejju tal-1963 is-Soċjeta' kkomemorat egħluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha bi programm li dam sejjer ġimgħa.

Fl-1973 wara l-mewt ta' Chev. Dr. Daniel Cecy ġie maħtur President Onorarju l-Onor. Dr. James Farrugia, M.D., B.Sc.

Fl-1974 is-Socjetà xtrat id-dar li kienet ilha tokkupa għal iżjed minn ħamsin sena.

Fl-1979 il-Banda Annunziata kienet l-ewwel Banda, li fl-Istitut Kattoliku, tat kunċert strumentali għall-okkażjoni tal-Kunċert Annwali organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Baned taħt il-Patroċinju tal-Onor. Sinjorina Agatha Barbara dak iż-żmien Ministru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali.

Fost is-Surmastrijiet li kellha din is-Soċjetà nsibu lill-Vinċenzo Ciappara, Joseph Magri, Lorenzo Gonzi, Capt. J. Buttiġieġ, Salvinu Fabri, Paolo Buttiġieġ u s-surmast preżenti John Pace li ilu jokkupa din il-kariga mill-1978.

## BANDA ŻEJTUN

Il-Każin ta' L-Għaqda Żejtun Band beda bħala fergħa lokali tal-Partit tal-Ħaddiema fiż-Żejtun fl-1927. Fl-ewwel snin il-Kumitat ta' din l-Għaqda għamlu bosta xogħol ta' fejda soċjali għal-ħaddiema tad-distrett u għaż-Żejtun in ġenerali. Iżda flimkien max-xogħol soċjali fi ħdan din l-għaqda twaqqfet ukoll Jazz Band li kienet magħrufa bħala 'Labour Jazz'. Din il-Jazz Band kienet popolari ferm u fi ftit snin kibret tant li saret banda regolari taħt it-tmexxija tas-surmast Onorato Gauci. Dan kien fil-bidu tas-snin tletin meta f'Malta nqala bosta nkwiet politiku reliġjuż. Għall-Għaqda dan kien żmien diffiċli ferm u biex ma tinqeridx għall-kollox biddlet l-isem minn Dar tal-Ħaddiema għal Żejtun Band. Dan kien fl-1933. Infatti f'settembru ta' dik is-sena il-Każin ġie reġistrat uffiċjalment bħala Żejtun Band Club u l-Banda għamlet l-ewwel programm uffiċjali tagħha f'Ottubru ta' l-istess sena.

Minn dak iż-żmien iż-Żejtun Band baqgħet miexja quddiem l-ewwel taħt it-tmexxija tas-surmast G. M. Dalli u wara ibnu Hector. Għalkemm is-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-emigrazzjoni li bdiet wara li spiċċat il-gwerra ħolqu tfixkil, permezz ta' Kumitati u membri ħabrieka l-Għaqda mhux biss xtrat id-dar li llum ġiet mibdula f'wieħed mill-akbar każini tal-baned iżda fil-ġnien ta' wara d-dar inbena t-Tejatru Pandora wkoll proprjetà ta' l-Għaqda. Fis-snin ħamsin wkoll il-Banda Żejtun kisbet isem għall-programmi vokali strumentali li kienet tesegwixxi lejliet il-festa taħt it-tmexxija tas-surmast Edgar Lowell.

L-Għaqda Żejtun Band dejjem kienet attiva f'kull okkażjoni soċjali jew kulturali kemm fil-lokal jew f' livell nazzjonali. Minbarra sehem attiv fil-festa tal-Patruna taż-Żejtun Sta. Katerina, il-Banda Żejtun tieħu sehem wkoll fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u fl-okkażjoni li tfakkar il-Jum Nazzjonali. Il-Banda ħadet sehem ukoll f'bosta programmi nazzjonali fil-Belt Valletta u fil-Karnival fejn kisbet l-ewwel premju f'dawn l-aħħar tliet snin.

Mill-1978 'l hawn il-Banda kienet immexxija mis-surmast Joseph M. Barbara.

## GĦAQDA MUŻIKALI SAN MIKIEL — ŻABBAR

Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar twaqqfet fis-sena 1883. Għall-ewwel kienet magħrufa bħala 'Società Filarmonica del Żabbar'. Ma dan l-isem, mill-1887 'il hawn, insibuha magħrufa bħala 'Società Filarmonica San Michele'. Sa qrib l-aħħar snin tas-seklu l-ieħor kienet magħrufa uffiċjalment biż-żewġ nomenklaturi: 'Società Filarmonica del Żabbar' u 'Società Filarmonica San Michele'.

Bħala l-biċċa l-kbira mill-baned ta' dak iż-żmien, kienet magħmula minn 'Scuola' u 'Casino'. Kienet skola tal-mużika biex tħarreġ allievi u każin għar-rikreazzjoni u biex igħinha.

Mill-ewwel snin tat-twaqqif tagħha bdiet tieħu sehem fil-festa titulari tal-Madonna tal-Grazzja, kif ukoll, sal-bidu ta' dan is-sekklu kienet tiffesteġġja b'solenità kbira l-festa tal-qaddis patrun tagħha — San Mikiel Arkanġlu. Fl-aħħar snin tas-seklu l-ieħor ġie li ħadet sehem fil-festi nazzjonali ta' l-Otto Settembre, fl-Isla, Bormla u l-Birgu.

Fl-1906, twaqqfet fi ħdana s-Soċjetà tal-Mutuo Socorso. Fl-1934, kienet minn ta' quddiem nett li biddlet isimha mit-Taljan għal-Malti. Hi t-tieni banda f'dawn il-gżejjer li bdiet iddoqq l-Innu Malti, fl-1936. Matul il-gwerra, il-każin serva bħala skola u fl-eqqel tal-gwerra baqgħet tieħu sehem fil-festa titulari tal-Grazzja. Hija l-ewwel Banda Maltija li dehret fuq it-T.V. ta' l-Ingilterra, fl-1954. Hi wkoll l-ewwel waħda li kellha mara fost il-Mużiċisti tagħha, Mrs. Gracie Barnett. Fl-1960, ħadet sehem b'marċ fit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Workers Memorial Building, South Street, Valletta.

Il-Banda San Mikiel, diversi drabi, ħadet sehem f'marċijiet u programmi nazzjonali fil-Belt u dejjem kienet mistiedna f'festi titulari u sekondarji f'dawn il-gżejjer. Fil-bidu tas-snin tletinijiet kienet ħadet sehem fil-festi tal-Karnival bil-Kostum — H. M. Nanna Kola.

Ġeneralment, is-Surmastrijiet tagħha, kienu jkunu magħżula mill-aħjar element tar-Royal Malta Artillery u personalitajiet ċivili. Is-Surmast preżenti hu Mro. John Pace, Żabbari li hu wkoll Surmast Direttur ta' tlett baned oħra, u hu anki fil-Board tas-Surmastrijiet tal-Band Club Association.